MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 29/2010

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja**
**nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-27 ta' Jannar 2010 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Awissu 1957 u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel li llum huwa maggjorenni; li l-konvenut abbanduna d-dar konjugali fit-23 ta' Settembru 1984, u "qatt ma rritorna"; li l-konvenut kien jivversa manteniment lill-attrici fl-ammont ta' $2,000 kull tlett xhur, izda waqaf jaghmel dan ftit xhur

ilu; li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrevokabbilment htija esklussiva tal-konvenut minhabba ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi bil-kawza odjerna; ghaldaqstant talbet li din il-Qorti: [1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b' tort esklussiv tal-konvenut; [2] tordna lill-konvenut jivversa retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi fissata minn din il-Qorti; [3] tordna x-xoljiment, likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti; [4] tapplika kontra l-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48 Kap.16; [5] tordna li l-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha, u li l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali; [6] tawtorizza lill-attrici tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut; [7] tinnomina Nutar Pubbliku biex jircevi l-att opportun; [8] tawtorizza lill-attrici tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwali; bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li permezz ta' l-istess rikors gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha eccepew li ma kienux edotti bil-fatti tal-kaz, filwaqt li rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz;
Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta mhux kontrastat li l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Awissu 1957, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel li llum huwa maggjorenni.

Illi tul il-konvivenza matrimonjali l-attrici kienet soggetta ghall-vjolenza morali kontinwa da parti ta' zewgha li kien jheddidha kontinwament.

Illi tul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali hdax-il darba, sakemm fit-23 ta' Settembru 1984 telaq mid-dar konjugali ghal kollox u ma regax irritorna; u dan, minghajr raguni valida. Huwa qata' kull kuntatt ma' l-attrici li, ghalhekk illum-il gurnata, hija ma tafx fejn jinsab.

Illi ghalkemm sa ftit xhur ilu huwa kien baqa' jivversa lill-attrici s-somma ta' $2,000 kull tlett xhur, huwa waqaf li jghaddilha manteniment aktar.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-ewwel talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrevokabbilment fit-23 ta' Settembru 1984 meta l-konvenut abbanduna lil martu u lil ibnu, minghajr raguni valida, u ma regghax irritorna lura. Dan il-komportament irrenda lill-konvenut hati tas-separazzjoni fit-termini ta' l-artikolu 41 tal-Kap.precitat.

Illi minn naha ta' l-attrici ma jirrizulta xejn censurabbli, u ghalhekk il-htija tas-separazzjoni tirrisjedi esklussivament fuq il-konvenut.

**Manteniment**

Illi, tenut kont tal-fatt li l-konvenut kien ghamel zmien twil jghaddi lill-attrici s-somma ta' $2,000 kull tlett xhur bhala manteniment, izda waqaf jghaddi dan il-manteniment, jew xi manteniment iehor, minghajr ebda raguni; tenut kont tal-fatt li l-konvenut naqas milli jressaq provi sabiex juri li l-mezzi tieghu llum ma jippermittulux li jhallas tali retta alimentarja; u tenut kont tal-fatt li l-konvenut huwa l-parti unikament hatja ghas-separazzjoni, il-Qorti hi tal-fehema li l-konvenut ghandu jibqa' jhallas lill-attrici l-ekwivalenti ta' dan l-ammont, fi flus Maltin, kull tlett xhur. Ghaldaqstant tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici l-imsemmija somma kull tlett xhur bhala manteniment ghaliha.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi din tikkonsisti f' ghamara ta' ftit valur li parti minnha nxtrat fiz-zwieg; u li, tenut kont tal-fatt li l-konvenut ilu zmien twil li abbanduna d-dar konjugali, il-Qorti qed tassenja sehemu minn dawn l-oggetti lill-attrici, b' hekk din ikollha l-piena proprjeta' ta' dawn l-oggetti.

**Dar Matrimonjali**
Illi d-dar matrimonjali huwa l-fond Flat numru wiehed [1] go blokk numru disa' u tletin [39] sitwat f' High Street, Sliema akkwistat mill-attrici fl-10 ta' Awissu 1957, u cioe' qabel iz-zwieg. Ghalhekk ma hemmx dubju li dan il-fond huwa parafernali ta' l-attrici.

Inoltre, il-Qorti tordna li dan il-fond ma jibqax jitqies bhala l-fond matrimonjali tal-partijiet, izda proprjeta' appartenenti biss lill-attrici.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet b' tort esklussivament tal-konvenut, u dan b' effett mit-23 ta' Settembru 1984;

[2] tilqa' t-tieni talba, u tordna li l-konvenut ihallas manteniment lill-attrici kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

[3] tilqa' t-tielet talba, u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni taghha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

[4] tilqa' ir-raba talba;

[5] tilqa' il-hames talba limitatament ghat-tieni parti;

[6] tilqa' is-sitt talba limitatament fis-sens li tiddikjara li l-fond fuq indikat m' ghadux jitqies bhala d-dar matrimonjali, izda huwa proprjeta' esklussiva ta' l-attrici, u l-konvenut m'ghandu ebda jedd fuqu;

[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba’ talba, stante li hija superfluwha;

[8] tilqa’ t-tmien talba;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------